MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-15 ta' April, 2011

Talba Numru. 440/2009

**Goth Hairdressing Company Limited (C-33671)**
**Vs**
**Rod Limited (C-34009) u**
**Roderick Fenech (K.I. 657881A) ghal kull interess li jista' jkollu.**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' tliet elef, sebgha u hamsin ewro u sitta u tmenin centezmi (€3,057.86) gja LM 1,312.74 rapprezentanti danni reklamati minhabba xoghlijiet intraprizi fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta liema xoghlijiet ikkawzaw l-istess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ezekuttiva numru 5455/07 u l-imghax legali mit-13 ta' Novembru, 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tas-socjeta'konvenuta fejn eccepixxew:

Illi fl-ewwel lok in linea preliminari, l-konvenut Roderick Fenech ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejnu u bejn is-socjeta' attrici.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-succepit, l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa eccessiv; dan il-fatt diga' ngieb a konjizzjoni tas-socjeta' attrici fin-nota prezentata mill-konvenut Roderick Fenech in atti ta' l-ittra gudizzjarja numru 5455/07 fil- 31 t'Ottubru, 2007. Ghalhekk il-konvenuti m'ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-succepit, jirrizulta car illi s-socjeta' attrici trid tinqeda b'dawn il-proceduri sabiex tonfoh kwalunkwe spejjez jew danni sussegwenti ghall-fatt illi nqasam xi tikhil fil-fond bl-isem ta' Goth Hairdressing fl-indirizz Saint Anne Court, Tigne Seafront, Tigne, Sliema;

Dan peress illi fl-ittra ufficjali surriferita numru 5455/07, datata 26 ta' Settembru, 2007 ntalbet biss is-somma ta' elf tliet mija u ghaxar ewro u tlieta u tmenin centezmu (€1310.83) mentri f'dawn il-proceduri qieghda tintalab is-somma ta' tliet elef u sebgha u hamsin ewro u sitta u tmenin centezmu (€3057.86);

Illi fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjeta' attrici hija debitrici ta' l-istanti fl-ammont ta' mija sebgha u ghoxrin ewro (€127), ammont li huwa cert, likwidu u dovut, accettat mill-istess socjeta' attrici u rizultanti minn danni subiti mill-istess istanti, senjatament hsara fid-*dish* ta' satellita li jinsab gewwa l-fond bl-isem ta' 'Davanti' fl-indirizz 2, Tigne Seafront, Tigne.

Ghalhekk dan it-Tribunal ghandu fi kwalunkwe kaz japplika d-dettami tal-artiklu 1196 *et seq* tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan a bazi ta' ekwita' u ekonomija tal-gudizzju;

Ghal mottivi premessi dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez, inkluzi dawk tan-nota pprezentata mill-konvenut Roderick Fenech in atti ta’ l-ittra gudizzjarja numru 5455/07 u liema nota giet pprezentata fil-31 t’ Ottubru, 2007, kontra s-socjeta’ attrici li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema’ u ra x-xhieda ta’ Rachel Formosa, Perit David Vassallo, Paul Formosa, Roderick Fenech, Christopher Gatt, Perit Enio Ellul u l-affidavit ta’ Charles Zammit u Nikki Dimech.

Sema’ t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi jirrizulta li din il-kawza titratta dwar hlas ta’ spejjez inkorsi wara danni subiti fil-fond tas-socjeta’ attrici wara xoghlijiet infrastrutturali li sehhew fil-proprjeta’ sottostanti appartenenti lis-socjeta’ attrici kif ukoll hamest ijiem telf ta’ introjtu ghal hamest ijiem li l-hanut inzamm maghluq.

Irrizulta li l-proprjeta’ sottostanti dik tas-socjeta’ attrici tappartjeni lis-socjeta’ Rod Limited u mhux lil Roderick Fenech personalment. Kemm Rachel Formosa ghas-socjeta’ attrici kif ukoll il-konvenut Roderick Fenech stess ikkonfermaw illi Roderick Fenech m’ghandux rabta guridika mal-fond sottostanti liema fond jappartjeni lis-socjeta’ Rod Limited. It-Tribunal huwa sodisfatt illi Roderick Fenech fil-kapacita’ tieghu personali m’ghandu l-ebda rabta guridika mal-fond in kwistjoni u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Dwar il-mertu, Rachel Formosa, direttur tas-socjeta’ attrici, qalet li fl-2006 tfaccaw zewg konsenturi fil-*gypsum* tal-hajt tas-*salon* li hija kienet tiggestixxi u li dawn il-konsenturi kienu prezenti f’zewgt ikmamar ohra’ li jinsabu fuq zewg sulari. Illi kif tfaccaw dawn il-konsenturi hija kellmet lil

Roderck Fenech u fil-pront assuma r-responsabilita' ta' dawn il-hsarat. Qalet ukoll li kien hemm qbil illi x-xoghlijiet riparatorji jsiru. Kienu qablu fuq il-prezz u qablu wkoll li x-xoghlijiet isiru bil-haddiema tas-socjeta' attrici. Formosa stqarret li Roderick Fenech kien jaf li s-*salon* kellu jinghalaq ghall-gimgha sakemm isiru x-xoghlijiet. B'kollox is-socjeta' attrici tilfet introjtu ta' hames t'ijiem xoghol.

Illi fit-talba attrici fis-somma ta' €3,057.86 hemm inkluzi hamest ijiem *loss of earnings* fis-somma ta' LM750 ta' dak iz-zmien, LM112.10 ta' dak iz-zmien kont tal-kumpanija Professional Cleaners Ltd, ghat-tindif wara li sehhew ix-xoghlijiet riparatorji, circa LM400 ta' dak iz-zmien ghal *gypsum,* LM8 ta' dak iz-zmien ghal materjal taz-zebgha, LM42.64 ta' dak iz-zmien zebgha, li b'kollox jammontaw ghal LM1,312.74, ta' dak iz-zmien, li konvertiti fil-munita Ewro jammontaw fl-ammont tat-talba attrici.

Skont il-Perit mqabbad mis-socjeta' attrici, il-Perit David Vassallo, qal illi huwa kien mar jispezzjona l-fond tas-socjeta' attrici fl-2006 w ikkonstata li kien hemm konsenturi fi tlett hitan tas-*salon* tas-socjeta' attrici li kellhom jigu riparati. Dawn il-hsarat dehru li kienu superficjali izda li kellhom jitrangaw. Gie suggerit li x-xoghlijiet jsiru wara li x-xoghlijiet fil-proprjeta' sottostanti kellhom ikunu kompletati. Il-Perit ikkonferma c-certifikat mahrug minnu, tal-hsarat li kien sab. Qal ukol illi huwa ma kienx hareg stima izda t-tiswijiet kienu jikkonsistu f'tikhil u f'tibjid tal-hitan. Illi approssimament l-ispejjez ta' tibjid u tikhil ma kellhomx jitilighu iktar minn €680 eskluzi VAT izda inkluz il-*labour*, iz-zebgha, xkatlar u tikhil.

It-Tribunal sema' x-xhieda ta' Paul Formosa, direttur tas-socjeta' Professional Cleaners Limited, socjeta' mqabda mis-socjeta' attrici sabiex taghmel xoghlijiet ta' tindif professjonali. Paul Formosa qal li kien ha hsieb inaddaf il-fond in kwistjoni wara li kienu twettqu xi xoghlijiet. It-Tribunal jirrilleva li x-xoghlijiet kienu saru f'*salon* li kien diga mghammar bi twapet *fitted* u ghamara li normalment tinsab gewwa *hair salon*. Intqal illi dan il-fond kien mimli trabb u kellu bzonn jitnaddaf sew. Illi x-xoghlijiet kienu

hadu gurnata u nofs u huwa thallas LM112.10 inkluz il-VAT.

It-Tribunal ra l-affidavit ta' Charles Zammit li kien ghamel ix-xoghlijiet ta' tibjid. Huwa stqarr illi kien hadem madwar gimgha u kien thallas LM400 ta' dawn ix-xoghlijiet. Ma giet ezebita l-ebda ricevuta.

It-Tribunal ra l-affidavit ta' Nikki Dimech, l-*'accountant'* tas-socjeta' attrici, li qal illi din is-socjeta' sa sentejn qabel kienet ghamlet it-telf. Illi wara kalkolu li kien ghamel seta' jikkonstata li s-*salon* tilef cert' introjtu. Illi fil-kalkoli tieghu semma li kien hemm il-kera li kienet parti mill-ispejjez tas-socjeta' attrici li ghandu jkun inkluz apparti mill- *loss of earnings*. Illi b'kollox l-'*accountant*' ta stima ta' LM750, ta' dak iz-zmien, ghall-hamest ijiem illi l-hanut baqa' maghluq.

It-Tribunal sema' x-xhieda ta' Christopher Gatt li kien direttur tas-socjeta' attrici fiz-zmien li s-socjeta' attrici subiet id-danni mertu tal-kawza. Huwa kkonferma li l-fond kien garrab xi hsarat u li dawn il-hsarat gew riparati izda ma ftakarx fhiex kienu involuti x-xoghlijiet.

It-Tribunal sema' lil Perit Ennio Elul, il-Perit tas-socjeta' konvenuta, li kkonferma li kien hemm xi konsenturi, izda l-ispejjez tat-tiswijiet ma kellhomx jitilghu iktar minn LM135 spejjez eskluz il-materjal ghax-xoghlijiet riparatorji.

It-Tribunal sema' l-verzjoni ta' Roderick Fenech, direttur tas-socjeta' konvenuta, fejn ikkonferma li huwa kien dispost jaghmel tajjeb ghall-hsarat subbiti mill-proprjeta' sovrastanti. Illi huwa kien gab stima ta' LM250 ghax-xoghlijiet mill-haddiema tieghu stess u kien taht l-impressjoni li kienu ftehmu li ma kienx ser ihallas oltre LM250 ta' dak iz-zmien. Izda ftit wara kien gie prezentat b'kont ta' LM500 ta' dak iz-zmien u huwa kien inhasad.

It-Tribunal jirrilleva li fl-affidavit ta' Charles Zammit, huwa semma' li kien ghamel xoghol ta' tibjid biss. Ma kienx semma' li huwa kien ghamel xoghol ta' xkatlar u *gypsum*. It-Tribunal jirrilleva wkoll illi l-istess xhud qatt ma pproduca

rcevuta tax-xoghlijiet li kien thallas taghhom. Illi lanqas is-socjeta' attrici ma kienet ipproduciet l-ircevuta fiskali kif imsemmi fil-prospett ezebit a fol. 89.

It-Tribunal jifehm illi sabiex isiru certi xoghlijiet is-socjeta' attrici kellha bzonn thallas ghall-materjal u zebgha ghaliex dawn ma kienux inkluzi fil-prezz ta' Charles Zammit. Charles Zammit qal li kien thallas is-somma ta' LM400 ta' dak iz-zmien ghax-xoghol ta' idejh li kien ha kwazi gimgha.

Dwar il-kont tat-tindif, filwaqt illi t-Tribunal ra li l-kont huwa pjuttost gholi ra li giet prezentata rcevuta fiskali u gie jixhed. Illi wara li t-Tribunal sema' lil Paul Formosa jixhed, it-Tribunal huwa sodisfatt illi s-socjeta' tieghu kienet marret fuq il-post u kienet nadfitu.

It-Tribunal ra li l-istimi moghtija mill-Periti, kemm il-Perit tas-socjeta' attrici u kemm il-Perit tas-socjeta' konvenuta, huma ferm inqas mill-hlasijiet li allegatament ghamlet is-socjeta' attrici lil Charles Zammit, ghax-xoghlijiet tat-tibjid. Illi l-Perit tas-socjeta' attrici kien ta stima ta' €680. Il-Perit tas-socjeta' konvenuta kien ta' stima ta' inqas minn €400 izda s-socjeta' konvenuta kienet lesta thallas is-somma ta' €600 ghal dawn ix-xoghlijiet.

Illi dwar il-*loss of earnings* it-Tribunal jifhem illi filwaqt li huwa minnu li s-socjeta' attrici kellha taghlaq is-*salon* ghal hames t'ijiem it-telf li gie kalkolat jirrizulta lit-Tribunal pjuttost eccessiv.

Illi hija l-fehma tat-Tribunal illi l-istimi tal-*loss of earnings*, kif ukoll l-kont ghat-tibjid biss fis-somma ta' €931.75 (gja LM400) u l-kont tat-tindif ghal gurnata u nofs ta' tindif fis-somma ta' €261.12 (gja LM112.10) huma wkoll eccessivi. Illi dwar il-materjal imsemmi li gie uzat ghalkemm ma gewx ezebiti rcevuti, t-Tribunal jhoss illi l-ammont indikat huwa ragonevoli.

Illi kif dejjem stqarret is-socjeta' konvenuta hija kienet disposta thallas ghax-xoghlijiet izda f'ammont ragonevoli. It-Tribunal ra li gie msemmi li qabel ma bdiet il-kawza hija

qatt ma kienet taf li s-socjeta’ attrici kienet ha ticcargjaha ghal granet li l-hanut kien ha jkun maghluq. Izda t-Tribunal jifhem illi s-socjeta’ attrici ghandha tkun kompensata ghaz-zmien li l-hanut baqa’ maghluq.

Illi dwar l-eccezzjoni rigwardanti *satellite dish* li garrab xi hsarat it-Tribunal ra li mill-provi in atti ma jirrizulta xejn dwar dan mix-xhieda taz-zewg partijiet u ghaldaqstant m’huwiex ha jakkolji din l-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

Illi kif inghad fil-bidu, il-konvenut Roderick Fenech ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex gir ppruvat illi m’ghandu l-ebda rabta guridika mall-proprjeta’ sottostanti, dik tas-socjeta’attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jillibera lil Roderick Fenech mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa’ t-talba attrici *in parte* u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur limitatament fis-somma ta’ elfejn, mija u hamsin ewro (€2150) bl-ispejjez u l-interessi kif mitluba.

Spejjez tal-kawza sopportati tlett kwarti mis-socjeta’ attrici, u kwart mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------